MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 800/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**

**vs**

**Vanessa Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat l-imputata Vanessa Azzopardi ta' 21 sena, bint Peter u Catherine sive Reaney nee' Ciantar, imwielda Pieta fil-31 ta' Lulju, 1989, residenti "Shalun", Triq il-Kurunell Mas, Tarxien u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 580689M giet imressqa quddiemha akkuzata talli:

Nhar il-21 ta' Frar, 2010 ghal habta tas-19:30 hrs gewwa Triq Nazzjonali, Floriana, fil-waqt li kienet qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ALX 031 ta' l-ghamla Renault;

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hili fl-arti jew professjoni taghha, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, kkagunat il-mewt ta’ Maria Theresa Abela detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 143089M;

2. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi saqet l-istess vettura b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni, u/jew b’mod perikoluz;

3. U aktar talli eccediet il-limitu ta’ velocita’ kif preskritt bil-ligi.

F’kaz ta’ htija, l-Qorti giet mitluba sabiex tiskwalifika lill-imputata milli jkollha jew milli tikseb licenzja tas-sewqan, u dan kif stipulate f’Artikolu 15(2)(3) ta’ Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-15 ta’ Marzu, 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma’ ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn l-assikurazzjoni tal-imputata ser thallas lill-parti civili ghad-danni sofferti.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 225(1) u 17 tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet

ta’ Malta, kif ukoll ir-Regolament 127(1) tal-LS 65.11, ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum u tiskwalifika lill-imputata milli zzomm jew totjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputata sabiex sa zmien xahar (1) minn meta tigi hekk mitluba bil-miktub thallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ elfejn, sitt mija u sitt ewro u erbatax-il centezmu (€2606.14) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------